MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 43/2006

Debono Developments Limited [C 988]

vs

Karkanja Limited [C 27062]

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"L-esponenti jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm226.69) dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-istess socjeta' attrici in rapprezentanza ta' kumpens ghall-appogg tal-hajt divizorju bejn il-bitha ta' Calypso Court, Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, proprjeta' tal-istess socjeta' attrici u l-bitha proprjeta' tas-socjeta' konvenuta b'access minn Triq Gleneagles, Ghajnsielem, u dan skond il-kont tal-Perit Tony Muscat (hawn anness u mmarkat Dok. 'A').

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont precitat mid-data tac-certifikat surreferit sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentant taghha huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fis-6 ta’ Novembru 2006, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa’ ma deherx ghall-udjenza tas-6 ta’ Dicembru 2006, ghal liema gurnata kienet thalliet il-kawza, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, l-konvenut baqa’ xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehera tieghu.

Sema’ bil-gurament lil Paul Debono direttur manigerjali tas-socjeta’ attrici fejn stqarr li s-socjeta’ konvenuta kienet issaldat l-ammont pretiz fl-avviz tat-talba u dan wara li kien gie pprezentat l-avviz tat-talba u wkoll wara li l-istess avviz tat-talba kien gie debitament innotifikat lis-socjeta’ konvenuta, u li l-meritu llum jinsab ezawrit, pero’ zamm ferm it-talba tieghu ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-avviz tat-talba.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta li thallas l-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------